MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1822/2004/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Carmel Attard**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet hlas tas-somma ta' hames mija u zewg liri maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm502.46) rapprezentanti danni sofferti f'arblu tad-dawl fit-23 ta' Ottubru 2001 f'Mdina Road, Zebbug bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li:-

- Il-pretensjonijiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda stante li huwa mhux responsabbli ghall-hsara kagunata;
- Huwa gie liberat mill-akkuzi kriminali migjuba fil-konfront tieghu fir-rigward ta’ l-incident de quo;
- Il-kawza tal-hsara hija n-negligenza u non-kuranza tal-korporazzjoni attrici
- Fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv

Ra x-xhieda ta’ Karl Galea, Jesmond Grech, Antoine Muscat, Joseph Degabriele, PS 1219 Charles Zammit, Carmel Attard u Philip Attard.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Din hija kawza ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni Enemalta bhala konsegwenza ta’ incident li sehh nhar it-23 ta’ Ottubru 2001. Dak inhar il-konvenut kien hiereg mid-*depot* ta’ Attrans Limited f’Mdina Road Zebbug; hu kien qed isuq *loader* li fuqu kien hemm *fork-lifter*. Hekk kif il-konvenut saq il-barra mid-*depot* huwa gibed l-*overhead cables* tad-dawl bil-*fork-lifter* bil-konsegwenza li ngibed u nqala’ ukoll arblu.

M’hemm l-ebda dubbju fuq dawn il-fatti li del resto mhux kontestati. Dak li qed jikkontesta l-konvenut huwa r-responsabbilta tieghu ghall-incident stante li skond hu l-arblu kien imsaddad u l-*cables* kienu mbewwqin.

Il-konvenut jghid li hu kien “jghaddi mill-lokalita kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Tlieta u qatt ma laqat il-*cable* … il-*cable* kien qed jitbewwaq u iktar u iktar

biz-zmien". L-istess diskors intqal mill-konvenut lill-pulizija li nvestiga l-incident.

Jidher pero li l-konvenut qatt ma lmenta mal-Korporazzjoni dwar dan il-fatt. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Philip Attard (direttur ta' Attrans Limited) li hadd minn din is-socjeta` qatt ma gibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni attrici li l-*cables* kienu qed jiddendlu.

Kemm mix-xhieda kif ukoll mis-sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jippretendi li la darba, skond hu, l-*cables* kienu mdendlin u l-arblu mhux idoneo m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-hsarat mgarrba fil-propjeta tal-Korporazzjoni attrici. It-Tribunal pero ma jaqbilx ma' din it-tezi.

Kif ntqal jirrizulta mix-xhieda tieghu li l-konvenut qed jikkontendi li l-overhead *cables* tbewwqu li kienu qed jitbewwqu aktar u aktar bi zmien. Jekk dan huwa minnu l-konvenut kien jaf li hemm periklu u aktar kellu joqghod attent hu u hiereg mid-depot.

Fil-fehma tat-Tribunal meta xi hadd ikun qed isuq ingenji bhal dawk in ezami dik l-imsejjha *proper look out* rikjesta mis-sewwieq ma tistax tigi limitata ghat-traffiku u movimenti fit-triq imma ghandha tirreferi ghal, u tinkludi wkoll, kwalunkwe xkil u/jew periklu li jista' jkun hemm bhala rizultat ta' l-gholi tal-vettura.

In oltre fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li wara dan l-akkadut l-Korporazzjoni attrici ziedet in-numru ta' arbli b'mod li qassret id-distanza bejn arblu u iehor mhux relevanti ghall-mertu tal-kaz odjern. Apparti l-ispjega li taw l-impjegati tal-Korporazzjoni ghal dan il-fatt, il-kawza ghall-incident kienet attribwibbli lill-konvenut meta huwa naqas li jzomm il-*proper look out* waqt li kien hiereg mid-depot.

Fid-dawl tas-suespost it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet necessarji u ghalhekk huwa unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici.

Ghal dak li jirrigwarda l-asserzjoni li l-konvenut gie liberat minn kull akkuza fil-proceduri kriminali migjuba kontra tieghu, t-Tribunal jirrileva huwa principju assodat fis-sistema giuridika taghna li l-esietu fi proceduri intiezi biex jistbilixxu r-responsabbilta kriminali huma irrilevanti fil-proceduri intiezi biex jistabbilixxu responsabbilta civili.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni reklamati l-konvenut qed jallega li dawn huma esagerati. Pero ezami ta'l-atti juri li ma ngibet l-ebda prova konkreta in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

Il-Korporazzjoni attrici prezentat rendikont ta' l-ammont pretiz (Dok KG1 a fol 12 tal-process). Il-konvenut waqt id-depozizzjoni tieghu tieghu rrefera biss ghall-ammont reklamat ghar-rimpjazz ta' l-arblu u suppost li prezenta stima ta' arblu tad-dawl (Dok CA3) dan id-dokument pero ma nstabx fil-process. Minhabba f'hekk il-konvenut inghata l-opportunita jissostitwixih jew igib provi ohra, pero dan il-konvenut ma' ghamlux. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ma jarax ghaliex m'ghandux jistrih fuq ir-rendikont provdut mill-Korporazzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u zewg liri maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm502.46) bl-imghax mit-22 ta' Mejju 2003 u bl-ispejjes.**”**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju generiku illi t-Tribunal ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Huwa jippretendi, fuq l-gharbiel tieghu tal-provi, illi l-Korporazzjoni attrici ma lahqetx il-grad tal-prova rikjesta mil-ligi u, allura, hu ma kellux jinzamm responsabbli. Jissottometti linejarment ma' din it-tezi tieghu (i) illi hu ezercita l-attenzjoni mistennija minnu, (ii) li, una volta l-operazzjoni minnu kondotta kienet ripetizzjoni ta' operazzjonijiet simili, ma setax jipprevedi li kuntrarjament ghal drabi ohra ma kienx ser jirnexxielu jghaddi, u (iii) li hu kien gie mehlus mill-imputazzjoni kriminali riferibilment ghall-istess incident. B' aggravju sekondarju l-konvenut jikkontesta lit-Tribunal il-likwidazzjoni tad-danni kanonizzata minnu;

Il-problema mressqa lil din il-Qorti bhala motiv ta' appell tirriverti dwar in-nozzjoni tal-kolpa akwiljana, u, precizament, jekk, fil-fattispeci, l-appellanti kellux jigi ritenut fi htija ghal dak li ssuccieda;

Fuq il-fatti kif esposti fis-sentenza appellata ma jidherx li hemm kwestjoni. L-appellanti kien qed isuq *truck loader* b' *fork lifter* kbir fuqu, hiereg mid-Depot ta' l-Attrans ghal fuq Mdina Road, Haz-Zebbug, meta l-*fork lifter* laqat l-*overhead cables* u ngibed l-arblu tad-dawl. Skond l-appellanti din ma kienetx l-ewwel darba li ghabba *fork lifter* f' din il-lokalita pero` b' raguni ghall-incident isemmi li l-*cables* kienu imzaqqin. Minn dan il-kwadru t-Tribunal individwa kolpa fl-appellanti ghal fatt li dan ma zammx *proper look out* u naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji;

Jibda biex jigi sottolinejat illi skond id-duttrina u l-gurisprudenza, f' kazijiet ta' din ix-xorta, bosta jrid jithalla ghall-interpretazzjoni gudizzjarja, ossija ghad-diskrezzjoni tal-gudikant ta' l-apprezzament tal-fattispeci dedotti. Naturalment dan ma jfisserx li l-parti sokkombenti ma tistax ticcensura din l-istess diskrezzjoni, kif hekk, appuntu, qed jaghmel l-appellanti bl-ewwel aggravju

tieghu. Il-kwezit jibqa’ dak jekk, una volta accertata l-incidenza kawzali fl-event tal-hsara, ghandhiex tigi askritta incidenza kawzali lill-komportament tal-konducent;

Kif gja osservat, hawn qeghdin fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana u f’ dan l-ambitu certament jidhlu l-komportamenti, kommissivi jew omissivi, li jkunu kkontribwew ghall-produzzjoni tad-dannu, ahjar konnotati minn dik id-dolo jew kolpa li hi ghab-bazi ta’ l-Artikolu 1031, Kodici Civili. Dottrinalment, imbaghad, hu sew maghruf illi ghal fini ta’ l-element tal-kolpa ghandu rilevanza mhux biss il-kolpa specifika kostitwita bil-ksur tal-ligi jew tar-regolamenti izda wkoll dik generika kostitwita minn nuqqas ta’ dik il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili];

Dan premess, fuq l-ewwel censura jigi preliminarjament rilevat illi kuntrarjament ghall-assunt ta’ l-appellant din il-Qorti ma ssibx illi fil-kwadru tac-cirkustanzi, kif rizultanti mill-atti probatorji, l-appellanti adotta mizuri idoneji, dettati mill-prudenza, biex jiskansa d-dannu realizzat. Ibda biex, kif inhu sew pacifiku, sewqan ta’ vetturi pezanti u ta’ certu kobor jesigi mhux biss prudenza ordinarja izda wahda massima (ara “**Elmo Insurance Services Ltd *et* -vs- PC 537 Joseph Micallef *et***”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001). Fit-tieni lok meta kien jaf bl-istat tal-*overlaying cables* kien messu ha kura li jkollu lil xi hadd jidderigih. Dan kif dettat minn dak il-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja li jippreciza l-artikolu suddett. Anke l-omissjoni minnu ta’ din il-kawtela titraduci ruhha f’ negligenza, ossija f’ assenza ta’ diligenza;

Huwa veru li jekk wiehed joqghod ghal dak rakkontat minnu hu kien ilu jaghmel operazzjoni konsimili ghal dik li saret minnu f’ dik l-okkazjoni u ma inkontra ebda incident. Hu pero` ugwalment veru wkoll illi dak li ma jkunx sehh f’ okkazjonijiet precedenti jista’ jigri jekk fil-frattemp ikunu kkonfluwew certi cirkostanzi bhat-tbewwieq tal-*cables*.

Lanqas ma jista', imbaghad, jigi accettat illi ghax ebda incidenti ma jkunu sehhew qabel, il-possibilita` li jigri accident kienet imprevedibbli. F' rapport mas-sitwazzjoni konkreta, kif jinsab insenjat mill-awturi, "*la prevedibilita` dell' evento attiene pur sempre alla prospettazione ipotetica della possibilita` oggettiva di prevedere e non gia ad una valutazione attinente alla concreta condizione psichica dell' agente, e si traduce nella considerazione della difformita oggettiva rispetto ad un tipo astratto di comporatamento*". (**Salvi** "**La responsabilita` civile**", Trattato Iudica - Zatti, Milano, 1998);

Rigwardata anke in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tarax li l-appellanti kien gust fic-censura tieghu ta' l-apprezzament maghmul mit-Tribunal. Huwa mbaghad ghal kollox inutili li hu jirrikorri b' suffragju ghal-liberazzjoni mill-imputazzjoni fil-proceduri penali. Jinsab ritenut illi "l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali ghax m' hemmx fiz-zewg azzjonijiet l-identita tas-suggett, jigifieri l-istess *causa petendi*. B' mod li jekk minn fatt jista' jkun hemm dannu patrimonjali, tista' tigi ezercitata l-azzjoni civili kontra l-awtur ta' dak il-fatt anke jekk f' gudizzju precedenti kriminali l-awtur ta' dak il-fatt ma giex misjub hati" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 480**);

Maghdud dan, il-Qorti tara li jezisti element ta' gustifikazzjoni fl-aggravju sottomess lilha dwar l-ammont tad-dannu. Jirrizulta bhala fatt illi wara l-incident, oltre t-tibdil ta' l-arblu *de quo*, kienu twahhlu arbli ohra. Jesmond Grech (fol. 14) *foreman* mal-Korporazzjoni isemmi zewg arbli. PC 1219 Charles Zammit (fol. 25) jiddikjara li saru tlieta. Hu x' inhu n-numru x-xoghol involut sar minn kuntrattur u nonostante li giet mitluba l-esibizzjoni tar-ricevuta relattiva ghal dan ix-xoghol din baqghet ma gietx prodotta. Akkoppjat ma' dan hemm il-fatt illi l-istima ta' l-arblu esebita mill-appellanti fil-kors tad-deposizzjoni tieghu bhala Dok. CA3 ma gietx inserita fil-process jew giet zmarrita. It-Tribunal filwaqt li annota dan deherlu li kellu joqghod fuq ir-rendikont prezentat mill-Korporazzjoni.

Rendikont dan li kien ukoll varjanti mill-istima originali progettata mill-Foreman Jesmond Grech;

Kif taraha din il-Qorti, meta l-Korporazzjoni naqset milli tipproduci ricevuta ta' dak li effettivament hallset lill-kuntrattur ghal bdil ta' l-arblu, u, dato wkoll, li l-istima pprezentata mill-appellanti ntilfet mill-atti, kellu jkun sew logiku kif ukoll gustizzja sostanzjali illi t-Tribunal, f' dawn ic-cirkustanzi, jadopera dwar l-entita tad-danni l-metru ta' dik l-ekwita li hi a bazi tal-gudizzju tieghu skond l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 u jillikwida *ex aequo et bono*. Proprju dan il-poter diskrezzjonali tieghu rikonoxxut mil-ligi bl-ekwita` hu intiz biex jikkolma s-sitwazzjoni fejn tkun tonqos il-prova specifika, preciza u sodisfacenti ghal finijiet tad-determinazzjoni tad-danni. F' dan il-kaz, trattasi ta' l-ispiza tas-sostituzzjoni ta' arblu wiehed u mehud in konsiderazzjoni l-prospett a fol. 12, il-Qorti hi tal-fehma illi l-ammont tad-danni m' ghandux jeccedi s-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) u f' dan qed tkun generuza mal-Korporazzjoni appellata. Mhux il-kaz li tvarja d-dekorriment ta' l-interessi fuq din is-somma.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravju ta' l-appellant riferibilment ghal kwestjoni tar-responsabilita`, tilqa' t-tieni aggravju u b' hekk timmodifika s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-appellanti jhallas lill-Korporazzjoni appellata s-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) in linea ta' danni. Fuq din is-somma jiddekorru l-interessi kif decizi mit-Tribunal. L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellanti u kwart (1/4) mill-Korporazzjoni appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------